A.L. 430 ta' l-2002

ATT TA' L-2002 DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (ATT NRU. XXII TA' L-2002)

Regolamenti ta' l-2002 dwar Impjegati Stazzjonati f'Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 31 ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 dwar Impjegati stazzjonati f'Malta Titolu.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti - Tifsiriet

"Att" tfisser l-Att ta' l-2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali;

"azjenda barranija" tfisser azjenda stabbilita fi stat li ma jkunx Malta;

"impjegat komparabbli" tfisser impjegat Malti fl-istess stabbiliment li jkun impjegat fl-istess xogħol jew xogħol jew okkupazzjoni simili, waqt li jingħata każ ta' konsiderazzjonijiet oħra inklużi anzjanità, kwalifiki u ħiliet:

Iżda meta ma jkun hemm ebda impjegat Malti komparabbli fl-istess stabbiliment, it-tqabbil għandu jsir b'riferenza ma' kull ftehim kollettiv li jkopri impjegati Maltin komparabbli fi stabbilimenti oħra;

"impjegat stazzjonat" tfisser impjegat ta' azjenda barranija li normalment ma jkunx jopera f'Malta imma li għal perjodu ta' żmien limitat jintbagħat minn azjenda barranija biex jaħdem Malta.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, frażijiet u espressjonijiet użati f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, it-tifsira assenjata lilhom fl-Att.

Applikabilità.

3. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw safejn l-azjendi barranin msemmija fl-artikolu preċedenti;

(i) jibagħtu impjegati stazzjonati f'Malta biex jagħmlu xogħol tagħhom u taħt id-direzzjoni tagħhom, bis-saħħa ta' kuntratt magħmul bejn l-azjenda li tistazzjona u l-parti l-oħra li s-servizzi huma maħsuba għaliha, sakemm ikun hemm relazzjoni ta' impieg bejn l-azjenda li tistazzjona u l-ħaddiem tul il-perjodu ta' l-istazzjonar; jew

(ii) jibagħtu impjegati stazzjonati fi stabbiliment jew f'azjenda f'Malta li tkun propjetà ta' azjenda barranija, sakemm ikun hemm relazzjoni ta' impieg bejn l-azjenda li tistazzjona u l-ħaddiem tul il-perjodu ta' l-istazzjonar; jew

(iii) għax ikunu azjendi li joffru impieg temporanju jew aġenziji li jsibu x-xogħol, jikru ħaddiem lil azjenda stabbilita li tużah jew li tkun topera f'Malta, sakemm ikun hemm relazzjoni ta' impieg bejn l-azjenda li toffri impieg temporanju, jew l-aġenzija li ssib ix-xogħol, u l-ħaddiem tul il-perjodu ta' l-istazzjonar.

(2) Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal ekwipaġġ ta' bastimenti li jbaħħru.

(3) Xejn f'dawn ir-regolamenti m'għandu jimpedixxi l-applikazzjoni ta' pattijiet u kondizzjonijiet ta' impieg li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema.

Ugwaljanza ta' trattament.

4. (1) Il-kondizzjonijiet tax-xogħol li jingħataw lil impjegati stazzjonati li huma awtorizzati jaħdmu Malta m'għandhomx ikunu inqas mill-kondizzjonijiet ta' xogħol minimi mogħtija lil impjegat komparabbli bis-saħħa ta' l-Att, jew bis-saħħa ta' xi regolamenti maħruġin taħtu, jew bis-saħħa ta' xi ftehim kollettiv li jirregola l-klassi ta' impieg ta' l-impjegat stazzjonat fl-istess post tax-xogħol:

Iżda kull *allowance* speċifika li tingħata lill-impjegat stazzjonat għandha titqies bħala parti mill-paga li titħallas lill-impjegat komparabbli, sakemm dawk l-*allowances* ma jitħallsux bħala rimborż ta' spejjeż attwali magħmulin minħabba l-istazzjonar, inklużi spejjeż ta' vvjaġġar, ikel u alloġġ.

(2) L-impjegati stazzjonati kollha koperti b'dawn ir-regolamenti għandhom id-dritt jirċievu trattament ugwali daqs impjegati stazzjonati komparabbli u b'mod partikolari għandu jkollhom aċċess ugwali għal drittijiet dwar l-impieg u drittijiet dwar is-saħħa u s-sigurtà taħt il-liġi ta' Malta.

(3) Il-frazi "trattament ugwali" tinkludi għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

(a) perjodi massimi ta' xogħol u perjodi minimi ta' mistrieħ kif applikati għal diversi klassijiet ta' impjegati;

(b) vaganzi annwali mħallsin minimi kif applikati għal diversi klassijiet ta' impjegati;

(ċ) rati ta' paga minimi, inklużi rati tas-sahra kif applikati għal diversi klasijiet ta' impjegati;

(d) trattament ugwali bejn irġiel u nisa u disposizzjonijiet oħra dwar li ma għandu jkun hemm ebda diskriminazzjoni konformi mal-liġijiet ta' Malta;

(e) miżuri protettivi konformi mal-liġijiet ta' Malta fir-rigward ta' pattijiet u kondizzjonijiet ta' impieg li jħarsu lil nisa tqal jew nisa li jkunu welldu ftit żmien qabel;

(f) miżuri protettivi konformi mal-liġijiet ta' Malta fir-rigward ta' pattijiet u kondizzjonijiet ta' impieg li jħarsu tfal u żgħażagħ;

(ġ) miżuri konformi mal-liġijiet ta' Malta fir-rigward ta' saħħa, sigurtà u iġjene fuq ix-xogħol:

Iżda f'każijiet ta' immuntar tal-bidu u, jew l-ewwel stallazzjoni ta' oġġetti meta din l-attivita' tkun parti integrali mill-kuntratt għall-fornitura ta' l-oġġetti meħtieġa biex l-oġġetti fornuti jitqiegħdu fl-użu u jsiru mill-ħaddiema tas-sengħa u, jew mill-ħaddiema speċjalizzati ta' l-organizzazzjoni li tissupplixxi, is-subregolament 4(3)(b) u (ċ) m'għandux japplika jekk il-perjodu ta' stazzjonar ma jaqbiżx it-tmint ijiem, sakemm ix-xogħol involut ma jkollux x'jaqsam ma' kostruzzjoni, tiswija, manutenzjoni, alterazzjoni jew twaqqigħ ta' bini, u b'mod partikolari, skavar, ġarr ta' materjal, xogħol tal-bini attwali, immuntar u żmuntar ta' elementi prefabbrikati, attrezzar jew stallazzjoni, alterazzjonijiet, rinnovazzjoni, tiswijiet, ħatt, manutenzjoni, tiżmim fi stat tajjeb, xogħol ta' żebgħa u tindif u titjib:

Iżda wkoll is-subregolament (3)(c) m'għandux japplika fil-każijiet imsemmija fir-regolament 3(1)(i) u (ii) meta t-tul ta' l-istazzjonar ma jkunx jaqbeż ix-xahar.

(4) It-tul ta' l-istazzjonar għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' perjodu ta' referenza ta' sena mill-bidu ta' l-istazzjonar:

Iżda għall-finijiet ta' tali kalkoli, għandu jingħata każ ta' kull perjodu preċedenti li tulu l-post kien mimli minn impjegat stazzjonat.

Infurzar.

5. Id-Direttur ta' l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali għandu jkun responsabbli għall-infurzar ta' dawn ir-regolamenti.

Reat.

6. Kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta'.reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux inqas minn ħamsin lira u mhux iżjed minn ħames mitt lira.